MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1010/2002/1

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu**
**u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**Vs**

**Carmen Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' Lm1,357.29c (elf tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti sebgha u ghoxrin kambjala ta' Lm50.27c (hamsin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) il-wahda hekk kif spjegat fit-talba.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta qalet li l-ammont mitlub mhux dovut stante pagament.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda.

Ra x-xhieda ta' Carmen Azzopardi fejn tikkonferma l-kambjali esebiti u zzid illi hi bdiet thallas f'Settembru 2002. Tghid ukoll illi kull darba li kienet tmur thallas kienet tiehu l-kambjala lura.

Fix-xhieda ta' Azzopardi datata 8 t'Ottubru, 2003 tghid li l-karozza kienet fuqha izda kienet ta' Emanuel Chircop. Tghid illi Chircop kien marad dak iz-zmien u ghalhekk spiccat thallas 'il fuq minn sitt mija. Tikkonferma li hallset kull kambjala li kellhom il-Bank u kienu assigurawha li ma kellha taghti xejn izjed. Tghid illi ma tafx x'kien il-prezz originali tal-karozza.

Ra x-xhieda ta' Mariolina Schembri li tigi s-segretarja ta' l-attur fejn tikkonferma li l-konvenuta hallset mill-ewwel sar-raba' *bill*. Tghid li wara dan l-ammont ta' Lm1,357.29c (elf tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) kien hemm sitt kambjali ohra li mmaturaw u li ghadhom ma thallsux izda l-hlas ta' dawn mhux qieghed imsemmi f'din il-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuta trid tipprova pagament. Il-kambjali gew esebiti. L-ahjar prova ta' pagament hija jew ircevuta jew li l-konvenuta ghandha pussess tal-kambjali. Il-konvenuta kkonfermat li meta kienet thallas kienet tiehu l-kambjala lura (a fol 35 tal-process). Illi skond l-attur it-total imhallas mill-konvenuta huwa Lm754.05c (seba' mija w erbgha u hamsin lira Maltin u hames centezmi). Illi l-konvenuta ma gabitx provi konvincenti dwar il-hlas tal-kambjali ffirmati minnha u skaduti. Il-prospettipprezentat mill-konvenuta (a fol 66 tal-process) juri pagamenti izda l-konvenuta kienet iffirmat total ta' tmienja w erbghin kambjala. Illi l-konvenuta tghid li kienet thallas il-Bank.

Illi fil-kawza **Galea Vs Bartolo (Qorti ta' l-Appell Kummercjali 4/11/1968)** gie ddikjarat li:

"The debtor of a bill cannot oppose payment of a bill on the ground that he has already paid another person who

is not the holder of the bill.”  Ara: **The Word of the Court, Dr Farrugia Randon, Page 355 u Vol. XXIX-1-1366**

Illi l-konvenuta ma gabitx provi li l-kambjali esebiti mill-attur huma mhallsa u ghalhekk dan it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenuta u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas Lm1,357.29c (elf tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------